TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Josephine - Ann Borg**

**vs**

**Mario Carabott**

CCT 151/24/CC

Illum 4 ta' Frar, 2025

It-Tribunal,

Ra t-Talba tal-attriciipprezentata fit-23 ta' Lulju 2024, fejn talbet l-ammont ta' €600 (sitt mitt ewro) minghand l-intimat, rapprezentanti ammont ekwivalenti ghal valur ta' curkett tad-deheb li l-istess intimat gie inkarigat sabiex isir tiswija fuqu.

Ra li l-intimat Mario Carabott debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezenta risposta relattiva, fejn ikkontesta it-talba avvanzata mill-attrici, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra li l-partijiet ipprezentaw il-provi taghhom, inkluz dokumentazzjoni relattiva fis-seduti appuntati ghal dan il-ghan.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi in succint jirrizulta li l-attrici kienet inkarigat lil intimat sabiex isir tiswija fuq curkett tad-deheb, senjatament din it-tiswija kienet tikkonsisti li kellu jitwahhal brillant li kien nieqes fuq ic-curkett. L-attrici eccediet fil-hanut ta' l-intimat, li da parti tieghu wiezen c-curkett u kiteb notament fuq il-borza ckejkna tal-karti, li fiha tpogga c-curkett. It-Tribunal ra l-istess borza li fiha tpogga c-curkett.

Illi jirrizulta li meta l-attrici gabret ic-curkett minghand l-intimat u haditu ghand ommha, omm l-attrici gibdet l-attenzjoni ta'l-attrici li c-curkett kien irqaq. Inoltre, l-attrici tirrimarka li l-istess curkett kellu hsara irreparabbli fejn twahhal il-brillant. L-attrici da parti taghha immedjatament ikkuntatjat l-intimat u avvanzat l-ilment taghha

mieghu. L-intimat informa l-attrici li huwa ezegwixxa l-inkarigu tieghu skond l-arti u s-sengha, b'dan li l-process kien jinkludi t-tindif u l-ibbanjar tac-curkett. L-attrici gibdet l-attenzjoni ta' l-intimat li hija ridet biss li jitwahhal il-brillant, u ma talbet ghal ebda servizz iehor minghand l-intimat.

Illi l-intimat jikkontesta t-talba avvanzata mill-attrici, u jirrileva li l-s-servizz li huwa ta lil attrici kien skond is-sengha u l-arti.

Ikkunsidra;

L-attrici tramite din il-procedura qieghda tavvanza talba fl-ammont ta' €600 (sitt mitt ewro), liema ammont jirraprezenta prezz ta' curkett simili ghal dak mertu ta' din il-procedura. L-attrici pproduciet xhud li ddeponiet quddiem it-Tribunal fejn ikkonfermat id-dokument prodott mill-attrici b'referenza ghal curkett simili ghal dak ta' l-attrici. Illi f'dan l-istadju t-Tribunal jirrileva li hemm diskrepanza fil-piz tac-curkett ta' l-attrici, u cioe dik ta' 2.9 grammi, ghal prezz tac-curkett simili li jiswa l-ammont ta' €600 (sitt mitt ewro) li jizen 3.8 grammi, kif ikkonfermat mill-istess xhud prodotta mill-attrici, Claudia Preca, li xehedet fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2024. Dan il-punt indubbjament ivarja l-valur tal-prezz bejn ic-curkett ta' l-attrici u l-valur tac-curkett li gie ikkonfermat mix-xhud Claudia Preca.

Illi mill-provi jirrizulta li c-curkett ta' l-attrici kien ic-curkett ta' l-gherusija ta' ommha, u ghandu madwar sittin sena. Illi meta l-attrici avvicinat lil intimat, jirrizulta li l-partijiet tkellmu rigward il-valur ta' tali curkett, u l-intimat indika l-ammont ta' €120 (mija u ghoxrin ewro) bhala l-valur tac-curkett. Dan jirrizulta wkoll minn notament li jinsab fuq Dokument MC, li hija l-borza li fiha l-intimat pogga c-curkett. Sussegwentement l-attrici inkarigat lil intimat sabiex iwahhal brillant li kien nieqes fuq ic-curkett.

Illi l-attrici tispjega li hija avvanzat immedjatament l-ilment taghha ma' l-intimat, fis-sens li wara li c-curkett ingabar minghand l-intimat, kien jidher li c-curkett kien irqaq. Fil-fatt, l-attrici tispjega ulterjorment li hija marret ghand il-konslu li wizen ic-curkett u rrizulta li l-piz tac-curkett kien ta' 2.7 grammi. L-attrici tilmenta wkoll li l-inkarigu li kellu l-intimat kien esklussivament li jwahhal il-brillant, u ma jwettaq l-ebda xoghol iehor fuq ic-curkett. L-attrici tghid ukoll li c-curkett kellu timbru, li ma baqax jidher wara li hija gabret ic-curkett minghand l-intimat. L-intimat jikkontesta dan il-punt.

Illi l-intimat ddepona fl-atti ta' dawn il-proceduri, u spjega l-process li sar fuq ic-curkett ta'l-attrici. L-intimat jispjega li qabel jinbeda l-process, ic-curkett jinhasel, u sabiex il-brillant jigi mwahhal mac-curkett, jinholqu snien godda mill-materjal ta' l-istess curkett waqt il-process ta'l-ingassar. L-intimat jikkonferma ukoll li tenut kont

tal-'wear and tear' tac-curkett, ta' xi depoziti li jkun hemm fuq l-istess curkett tenut kont taz-zmien tac-curkett, li jissorpassa l-hamsin sena, il-piz ser ivarja xi ftit wara li jigi konkluz il-process.

Illi minn analizi tal-provi prodotti, partikolarment ix-xhieda li ddeponew viva voce fl-atti ta' dawn il-proceduri, hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-versjoni avvanzata mill-intimat hija wahda kredibbli, u li liema versjoni tispjega d-dettalji tal-process li sar fuq ic-curkett ta' l-attrici.

Illi l-attrici qieghda tavvanza talba ghal ammont ta' €600 (sitt mitt ewro), liema ammont l-attrici tikkompara bhala l-valur tac-curkett taghha. Kif ikkonfermat mix-xhud prodotta mill-istess attrici, ic-curkett ivvalutat ghal ammont ta' €600 (sitt mitt ewro) jizen aktar mic-curkett ta' l-attrici. Inoltre, l-attrici ghandha fil-pussess taghha l-istess curkett, u ghalhekk hija implawsibbli kif hija qieghda tavvanza talba ghal hlas ta' ammont ta' flus, ekwivalenti ghal curkett li jinsab fil-pussess taghha.

Illi rigward il-piz tac-curkett, u l-varjazzjoni fl-istess in segwitu li sar il-process, hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-intimat spjega dan il-punt b'mod ampju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat, u jichad it-Talba avvanzata mill-attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-attrici.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru